MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2014

Numru. 228/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JURGEN VELLA**
**SPETTUR SPIRIDIONE ZAMMIT**

**VS**

**RODERICK DEBONO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Roderick Debono, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 155680 (M).

**Akkuzat talli:**

Fit-18 ta` Frar 2012 ghal habta tat-tmienja ta` filghodu (08:00hrs) u hinijiet ta` qabel flimkien ma` persuna/i ohra f'Rahal Gdid u f'dawn il-gzejjer, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu

ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi pprova jisraq minn fond bl-isem 50 li jinsab fi Triq Santa Monika, Rahal Gdid, u/jew postijiet ohra, liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun aggravat mezz, lok u valur li ma jaccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u li kieku sar kien ikun ghad-detriment ta` Margaret Demarco u Maria Violetta Demarco minn Hal Tarxien u/jew persuni ohra.

Talli wkoll fl-istess data, hin u cirkostanzi, bi hsara tas-sid, detentur jew persuni ohra, ghamel vjolazzjoni kontra l-propjeta` ta` Margaret Demarco u Maria Violetta Demarco minn Hal Tarxien u/jew persuni ohra.

Akkuzat ukoll talli wara li kien gie ikkundannat f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, instab fil-pussess ta` oggetti li ma kienx tal-kondizzjoni tieghu, minghajr ma ta kont sodisfacenti ta` kif ikunu gew legittimament ghandu: inkella instabu ghandu ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta` serraturi, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandu f'dak iz-zmien.

Fl-istess data, hinijiet u cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta` wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu.

Ukoll talli naqas milli jhares xi wahda, u/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat Dr. G. Grixti, LL.D., b'digriet datat nhar il-wiehed u tletin (31) ta` Jannar, 2008, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix delitt iehor ta` natura volontarja.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati imsemmija, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-helsien mill-arrest datat u tordna l-arrest mill-gdid ta` Roderick Debono. Kif ukoll, li tordna s-somma depozitata fir-registru ta` din il-Qorti, u l-garanzija personali ta` elf ewro (€1,000), li gew imposti fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta` Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li l-Qorti rat il-kunsens tal-Avukat Generali;

Wara li rat l-Artikoli 41 (1) (a), 49, 50, 263, 267, 269 (g), 287, 330 u 340 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li l-Qorti rat l-ammissjoni tal-imputat fis-seduta tas-sbatax (17) ta` Settembru 2013 u wara li l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghar-reati lilu addebitati mill-Prosekuzzjoni;

Wara illi l-Qorti rat in-nota ta` sottomissjonijiet pprezentata mill-Prosekuzzjoni fl-erbatax (14) ta` April 2014 bil-*visto* legali tad-difiza wkoll fl-erbatax (14) ta` April 2014.

**Ikkunsidrat**

Illi in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati fuq l-akkuzi li lilu gew addebitati.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tikkundanna lill-imputat sena (1) prigunerija effettiva.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------